MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 1022/2005

**Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma f'isimha proprju u ghan-nom ta' l-Enemalta**

**vs**

**Maltawide Properties Limited**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-9 ta' Mejju 2005 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi ikkundannata thallas l-ammont ta' mija sitta u tmenin Liri Maltin u hamsa u sittin centezmi (Lm186.65), rapprezentanti kontijiet pendenti ghall-konsum ta' l-ilma u kera ta' meter ta' l-ilma u ghall-konsum ta' l-elettriku u kera ta' meter ta' l-elettriku, fil-fond 42, Triq Marsamxett, Valletta, skond il-kont numru 100463210 u d-dokumenti annessi ma' l-avviz (WSC1 u WSC2).

Bl-ispejjez inkluzi Lm11.50 spejjez ta’ l-ittra ufficjali tal-1 ta’ Marzu 2004 u bl-imghax kummercjali, kontra s-socjeta’ konvenuta li minn issa tinsab ingunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tal-Korporazzjoni attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta’ l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta’ l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew ipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-Korporazzjoni attrici is-somma ta’ mija sitta u tmenin Liri Maltin u hamsa u sittin centezmi (Lm186.65), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta’ din l-istanza u dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-1 ta’ Marzu 2004, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------